

Brussell, 17 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11733/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0241 (COD)**

**AGRI 357
AGRIFIN 83
FIN 890
CADREFIN 100
CODEC 1040
ENV 717
FORETS 53**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion:	COM(2025) 560 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 560 final.

Mehmuż: COM(2025) 560 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 560 final

2025/0241 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika
Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-biedja u l-ikel huma setturi strateġiċi għall-Unjoni, li jipprovdu ikel sikur u ta' kwalità għolja bi prezzijiet raġonevoli lil 450 miljun Ewropew u li għandhom rwol ewlieni kemm għas-sigurtà tal-ikel Ewropea kif ukoll dik globali. Fl-istess ħin, huma essenzjali biex isostnu l-ekonomija u l-ħajja fiż-żoni rurali, u huma wkoll parti importanti mis-soluzzjoni biex jiġu protetti l-klima, in-natura, il-ħamrija, l-ilma u l-bijodiversità li bħalissa jinsabu taħt stress. Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tinsab fil-qalba tal-proġett Ewropew, u għal aktar minn 60 sena baqgħet tissokta l-impenn tagħha biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel u standard ġust tal-ġajxien għall-komunità agrikola, f'konformità mal-objettivi tat-Trattati tal-UE.

Dan l-impenn huwa rilevanti illum daqs kemm kien dak iż-żmien, għax is-settur agrikolu tal-UE qed jiffaċċja sfidi sinifikanti. Is-settur għandu bżonn spinta biex ikun aktar attraenti għaż-żagħżagħ, għax illum ftit huma l-bdiewa li għandhom inqas minn 40 sena. Is-settur jinsab espost għat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità, u pressjonijiet soċjoekonomiċi, li kollha kemm huma jheddu s-sostenibbiltà fit-tul tiegħu u l-ġajxien tal-bdiewa. Il-bdiewa tal-UE qed iħabbtu wiċċhom ma' inċertezza fit-tul minħabba kundizzjonijiet globali mhux ekwi, ċerti dipendenzi fuq l-importazzjonijiet, u vulnerabbiltà għal inċertezzi ġeopolitiċi. L-investimenti huma diffiċli biex jiġu ffinanzjati peress li l-introjtu agrikolu għal kull ħaddiem jibqa' ferm aktar baxx mill-pagi medji fl-ekonomija kollha (60 % fl-2023). Barra minn hekk, l-iżbilanċi territorjali u l-aċċess insuffiċjenti għall-ġarfen u għall-innovazzjoni — inklużi soluzzjonijiet diġitali — jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-attraenza tas-settur, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ.

Dawn l-isfidi juru li hemm il-ħtieġa ta' appoġġ pubbliku għas-settur u fl-istess ħin jitolbu rispons politiku robust u adattiv biex jiġi żgurat settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli. Il-PAK, li diġà bniet fuq ir-riformi preċedenti ta' suċċess u b'hekk saret politika bbażata fuq il-prestazzjoni u orjentata lejn is-suq, issa jeħtieġ tkompli tevolvi u ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tirrispondi b'mod effettiv għas-sitwazzjoni globali, tal-UE, nazzjonali u reġjonali li qed tinbidel, inkluż fil-livell tal-azjendi agrikoli.

Il-Kapijiet ta' Stat tal-UE enfasizzaw ripetutament il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-agrikoltura tal-UE biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul, tiġi ppreservata l-vitalità tal-komunitajiet rurali, u jiġi rikonoxxut ir-rwol kruċjali tal-PAK fil-kisba ta' dawn l-għanijiet. Fl-istess ħin, saħqu fuq kemm hu importanti li jiġi pprovdut qafas ta' politika stabbli u prevedibbli li jkun ta' appoġġ għall-bdiewa sabiex jindirizzaw l-isfidi ambjentali u klimatiċi.

Il-Linji Gwida Poliċi għall-mandat tal-Kummissjoni 2024–2029 jenfasizzaw l-importanza li jiġi żgurat li l-bdiewa jkollhom introjtu ġust u suffiċjenti biex ikomplu jinnovaw u jwasslu benefiċċji lill-Unjoni kollha kemm hi. Biex jinkiseb dan, il-linji gwida jitolbu li jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi, jiġu ppremjati l-bdiewa li jaħdmu f'armonija man-natura, u tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-valur tal-ikel biex jiġu protetti minn Prattiki kummerċjali inġusti. Biex dan iseħħ, jeħtieġ jintlaħaq bilanċ bejn l-inċentivi, l-investimenti, u r-regolamentazzjoni biex jinbena settur agrikolu aktar kompetittiv u reżiljenti.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025, "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel", tiddekrivi l-prinċipji ewlenin għall-PAK wara l-2027. Dawn il-prinċipji jinkludu PAK ibbażata fuq objettivi ċari u rekwiżiti mmirati, biex b'hekk l-Istati Membri jassumu

responsabbiltà u obbligu ta' rendikont akbar bil-għan li jilħqu l-objettivi tal-politika. Il-Komunikazzjoni tenfasizza wkoll ir-rwol essenzjali tal-PAK li tappoġġa u tistabbilizza l-introjti tal-bdiewa, tattira ġenerazzjoni ġdida ta' bdiewa, u tiżgura politika aktar sempliċi u aktar immirata b'bilanċ aktar ċar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti obbligatorji. Barra minn hekk, tenfasizza l-ħtieġa ta' aktar flessibbiltà għall-bdiewa u ta' bidla minn kundizzjonijiet għal inċentivi. Il-qafas finanzjarju l-ġdid jippreżenta opportunità biex nibnu fuq ir-riforma reċenti, filwaqt li jallinja r-regoli għall-appoġġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-kompetittività, tar-reżiljenza, tal-innovazzjoni u tas-sostenibbiltà b'mod koeżiv u effettiv.

Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-perjodu 2023–27 urew li huma għodod effettivi għall-implimentazzjoni integrata tal-politika, u li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fost il-gvernijiet, il-partijiet ikkonċernati u s-soċjetà ċivili. Il-mekkaniżmu eżekuttiv il-ġdid introdott fl-2023 joffri approċċ ibbażat fuq il-politika u l-prestazzjoni, filwaqt li jżid il-flessibbiltà u r-responsabbiltà għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-ispeċifitàjiet lokali f'qafas komuni tal-UE. Abbażi ta' din l-esperjenza, hemm opportunità biex l-implimentazzjoni tal-PAK tiġi ssimplifikata aktar u biex jiżdedu s-sinerġiji u l-flessibbiltà kemm fil-PAK kif ukoll ma' oqsma oħra ta' nfiq.

Fil-kuntest tal-proposti leġislattivi tal-QFP għall-2028–2034, din il-proposta ddedikata għall-agrikoltura hija ġġustifikata mill-ispeċifitàjiet tal-PAK. Filwaqt li **l-PAK futura se tallinja mal-mekkaniżmi eżekuttivi ssimplifikati għall-programmi ta' nfiq tal-UE skont il-QFP il-ġdid, u l-ipprogrammar u t-twettiq tagħha se jkunu parti mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali u mill-pjanijiet**, din il-proposta tistabbilixxi regoli speċifiċi li huma meħtieġa biex il-PAK timxi lejn:

- **Il-kontribut ta' appoġġ għall-introjtu aktar immirat għall-bdiewa u għall-kompetittività fit-tul tagħhom**, li jidderieġi l-appoġġ lejn il-bdiewa li jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel, lejn il-vitalità ekonomika tal-azjendi agrikoli u ta' setturi speċifiċi, kif ukoll lejn il-preservazzjoni tal-ambjent, filwaqt li jippermetti aċċess għal sorsi komplementari ta' introjtu.
- **It-titjib tal-attraenza tal-professjoni u t-trawwim tat-tiġdid ġenerazzjonali**, li jgħin l-aċċess taż-żgħażaġh u ta' dawk li jidħlu fil-professjoni, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet, ta' aċċess aħjar għall-kapital u ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar.
- **It-tisħiħ tar-rwol tas-settur tal-biedja u tal-foresti għall-azzjoni klimatika, għall-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali**, billi jiġu ppremjati l-bdiewa li jaħdmu man-natura u tiġi inċentivata bidla lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli li huma adattati għall-kundizzjonijiet lokali, u li jitwassal il-bilanċ it-tajjeb tal-investimenti, l-inċentivi u r-rekwiżiti.
- **It-titjib tar-reżiljenza, il-kapaċità li wieħed ilaħħaq mal-kriżijiet u r-riskji**, li jagħti inċentivi aktar b'saħħithom u aktar immirati għall-bdiewa biex inaqqsu l-vulnerabbiltà u l-esponiment tagħhom għar-riskji inkluż permezz tal-adattament fil-livell tal-azjendi agrikoli u tad-diversifikazzjoni tal-produzzjoni, filwaqt li jippromwovi bidliet trasformattivi aktar ambizzjużi f'postijiet fejn iż-żamma tal-*istatus quo* mhijiex sostenibbli fit-tul, u jsaħħaħ ir-rabta bejn il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

- **L-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni, it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni diġitali** għal settur agrikolu prosperu permezz tat-tisħiħ tas-sistemi tal-għarfien u tal-innovazzjoni agrikoli inkluż l-aċċess għal servizzi ta' konsulenza imparzjali u kwalifikati, taħriġ immirat, u t-trawwim tal-adozzjoni usa' ta' soluzzjonijiet diġitali.
- **It-tisħiħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja fiż-żoni rurali**, billi jiġu offruti servizzi ta' għajnuna u appoġġ għall-kooperazzjoni, l-iżvilupp tan-negozju, il-valur miżjud u l-proġetti li jippermettu l-iżvilupp rurali.

Sabiex jinkisbu dawn l-oġġettivi, il-proposta timmira li **tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-ippjanar strateġiku permezz ta' qafas ta' politika aktar sempliċi u flessibbli li jsaħħaħ is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet fis-setturi kollha**. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid jipprovdi opportunità biex l-infiq tal-baġit tal-UE għall-agrikoltura jkollu impatt akbar. Filwaqt li jibni fuq is-sistema attwali bbażata fuq pjanijiet strateġiċi, l-ipprogrammar se jibbenefika minn evoluzzjoni ulterjuri filwaqt li jiżgura l-koerenza u s-sinerġiji mal-qafas komuni pprovdut mis-sett sħiħ ta' proposti tal-QFP, b'mod partikolari l-proposti tal-Kummissjoni għal Regolament li jstabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali għall-perjodu 2028–2034 (“ir-Regolament FSNR”), il-proposta għal Regolament dwar il-Qafas Komuni tal-Prestazzjoni (“ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni”), il-proposta għal Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-proposta għal Programm Qafas għar-Riċerka. Fir-rigward tal-appoġġ ta' **qabel l-adeżjoni**, il-proposta għal Ewropa Globali se tħejji lill-pajjiżi kandidati billi tistabbilixxi l-istrutturi meħtieġa biex is-sistemi agrikoli tagħhom jallinjaw gradwalment mal-PAK.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta hija konsistenti għalkollox mal-oġġettivi tat-TFUE tal-PAK. Timmodernizza l-mod kif jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tat-TFUE, f'konformità mal-orjentazzjonijiet tal-QFP 2028–2034, il-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel u l-isforzi ta' simplifikazzjoni, filwaqt li tadatta għall-isfidi attwali.

L-Artikolu 39 tat-TFUE jstabbilixxi l-oġġettivi tal-PAK:

- li tkabbar il-produzzjoni agrikola billi tippromwovi progress tekniku u billi tassigura l-iżvilupp razzjonali ta' produzzjoni agrikola u l-aħjar utilizzazzjoni possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni, speċjalment tan-nies tax-xogħol;
- li tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, partikolarment billi jkabbar il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura;
- li tagħmel is-swieq stabbli;
- li tiggarantixxi d-disponibilità tal-provvisti;
- li tassigura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.
- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-agrikoltura hija kontributor ewlieni għall-kompetittività globali tal-UE. L-Unjoni hija importatur kbir ta' prodotti bażiċi u promotur tal-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli u tal-ikel ta' valur u għalhekk għandha impatt fuq is-sistemi tal-ikel barra mill-Unjoni. Il-proposta, f'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE, tqis l-oġġettivi tal-kooperazzjoni tal-Unjoni għall-iżvilupp għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod

partikolari billi tiżgura li l-appoġġ tal-Unjoni għall-bdiewa ma jkollu l-ebda effett kummerċjali jew effetti minimi.

L-agrikoltura u l-forestrija jkopru 84 % tat-territorju tal-Unjoni. Is-settur jiddependi mill-ambjent u fl-istess ħin jinfluwenza l-istat tiegħu. L-oġġettivi speċifiċi tal-PAK naturalment jinkludu **azzjoni ambjentali u klimatika**. Pereżempju, il-PAK tikkontribwixxi għall-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma, bħall-mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar u l-ġestjoni tal-ilma permezz tar-restawr tal-pajsaġġ, filwaqt li tappoġġa wkoll inizjattivi tal-bijodiversità u tal-konservazzjoni. Bl-istess mod, il-PAK tista' tappoġġa proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-bijoeconomija, u b'hekk tikkontribwixxi għall-oġġettivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija u taċ-ċirkolarità tal-UE.

Il-proposta tagħmel enfasi qawwija fuq l-appoġġ għall-bdiewa żgħażaġh u tippromwovi t-**tiġdid ġenerazzjonali**, f'konformità mal-enfasi tal-Kummissjoni fuq iż-żgħażaġh.

Il-PAK tappoġġa l-introjtu għall-bdiewa u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-**oġġettivi u l-politiki soċjali** b'diversi modi importanti: hija mmirata għall-bdiewa l-aktar fil-bżonn, tappoġġa l-karatteristiċi soċjokulturali diversi taż-żoni rurali tal-UE, inkluż il-ħolqien tal-impjegi u kundizzjonijiet tajbin tal-ħaddiema fil-biedja u fiż-żoni rurali. Huwa meħtieġ li jiġu protetti l-benefiċjarji finali u tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-komponent tal-appoġġ għall-introjtu tal-PAK u li jiġu mmirati u mmexxija l-isforzi ta' appoġġ, li jipprevedi dan ir-Regolament. Fl-aħħar nett, il-PAK tiffinanzja l-ħiliet u l-għarfien biex tappoġġa lill-bdiewa fit-tranżizzjoni soċjoekonomika, ekoloġika u diġitali tagħhom. Edukazzjoni agrikola msaħħa, u opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja u bejn il-pari. Permezz tal-istruttura l-ġdida tista' tallinja aħjar l-istrumenti tagħha mas-sistemi nazzjonali ta' taħriġ u mal-programmi ta' riċerka.

L-agrikoltura għandha rabta diretta mal-kunċett ta' "**saħħa waħda**". F'dan ir-rigward, il-proposta tipprovdi sett ta' strumenti li l-għan tagħhom hu li jiżguraw produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja, inaqqsu l-użu tal-pestiċidi u tal-antimikrobiċi, itejbu l-kundizzjonijiet tal-benessri tal-annimali, kif ukoll miżuri ta' bijosigurtà fil-livell tal-azjendi agrikoli biex jiġu evitati tifqigħat ta' pesti u mard tal-annimali.

Il-PAK tikkontribwixxi għall-koeżjoni u d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju billi trawwem ekonomija rurali diversa u reżiljenti fiż-**żoni rurali**, filwaqt li tappoġġa pereżempju l-opportunitajiet tan-negozju, l-agrituriżmu, l-infrastruttura, u l-bijoeconomija permezz tal-istrateġiji LEADER tagħha. Dan jallinja mal-għanijiet tal-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali, filwaqt li jenfasizza d-diversifikazzjoni ekonomika fl-ambjenti rurali għall-bdiewa.

Bħal f'setturi oħra, l-agrikoltura u ż-żoni rurali għandhom jużaw aħjar l-**innovazzjoni** biex isaħħu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza. It-teknoloġija u l-għarfien ġodda, b'mod partikolari t-teknoloġiji diġitali, itejbu l-effiċjenza fir-riżorsi. Il-proposta ssaħħaħ ir-rabtiet mal-politika tar-riċerka billi tagħti prominenza lill-organizzazzjoni tal-iskambju tal-għarfien fil-mudell ta' implimentazzjoni tal-politika. Il-PAK u l-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE jistgħu jsaħħu b'mod sinifikanti l-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur agrikolu. Bl-istess mod, l-enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni tippermetti li jsiru konnessjonijiet mal-Aġenda Diġitali u tal-IA tal-UE, iżda tillimita wkoll il-piż tar-rapportar.

Il-mekkaniżmu l-ġdid tal-ippjanar se jippermetti li jiġu sfruttati aħjar il-ħafna opportunitajiet għal sinerġiji bejn il-PAK u politiki oħra tal-UE.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 38 tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-Unjoni biex tiddefinixxi u timplimenta politika agrikola komuni. L-Artikolu 39 tat-TFUE jistabbilixxi l-oġġettivi tal-PAK, li jinkludu ż-żieda fil-produttività agrikola, standard għust tal-għajxien għall-komunità agrikola, jistabbilizza s-swieq, jiżgura d-disponibbiltà tal-provvisti u li dawn il-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

Il-bażi legali għal din il-proposta hi l-Artikolu 43(2) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi kompetenza kondiviża għall-agrikoltura bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jistabbilixxi Politika Agrikola Komuni b'oġġettivi komuni u b'implimentazzjoni komuni.

Fil-mudell ta' implimentazzjoni attwali, l-Unjoni mxiet lejn l-istabbiliment tal-parametri bażiċi tal-politika (l-oġġettivi tal-PAK, it-tipi ġenerali ta' intervent, ir-rekwiżiti bażiċi), filwaqt li l-Istati Membri jerfġu responsabbiltà akbar u jaderixxu aktar mal-obbligu ta' rendikont għal kif jilhq u għal kif jilhq l-miri miftiehma. F'dan il-qafas, il-proposta għall-PAK wara l-2027 tkompli tiżgura kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri u l-bdiewa fis-suq uniku, filwaqt li tiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni kollha, u tindirizza l-isfidi ta' natura transfruntiera u globali.

F'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, u meta wieħed iqis l-ambjent tal-biedja diversifikat ħafna tal-Unjoni b'parametri fiżiċi differenti, approċċ "kulħadd f'keffa waħda" mhuwiex adattat biex jagħti r-riżultati mixtieqa. Livell oġġla ta' integrazzjoni b'diversi politiki u flessibbiltà għall-Istati Membri se jagħmilha possibbli li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali. L-Istati Membri se jkunu responsabbli biex ifasslu l-interventi tal-PAK b'tali mod li jsaħħu kemm jista' jkun il-kontribut tagħhom lejn l-oġġettivi tal-Unjoni, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni.

- **Proporzjonalità**

L-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li s-settur tal-biedja u ż-żoni rurali tal-UE qed iħabbtu wiċċhom magħhom jeħtieġu rispons sostanzjali u sforz dejjiemi li jkun jixraq lid-dimensjoni tal-UE ta' dawk l-isfidi. Il-qafas ta' politika tal-PAK huwa akkumpanjat minn baġit robust u proporzjonat fl-FSNR. Is-setgħa akbar tal-għażla offruta lill-Istati Membri fl-għażla u l-adattament tal-għodod ta' politika disponibbli fil-PAK biex jintlaħqu l-oġġettivi komuni tal-UE, hija proporzjonata mal-livell ta' azzjoni meħtieġ fid-dawl tal-ħtiġijiet u l-isfidi.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Politika Agrikola Komuni għandha l-bażi legali tagħha fl-Artikoli 42–43 tat-TFUE u għal aktar minn 60 sena ta' storja wriet li għadha rilevanti, meħtieġa u li qed tevolvi maż-żmien. Politika mmirata tajjeb, li tipprovdi t-tmexxija t-tajba se tiżgura l-kundizzjonijiet it-tajba għall-bdiewa u għaż-żoni rurali biex jistinkaw u jiżguraw is-sigurtà tal-ikel u t-tiġdid ġenerazzjonali b'mod sostenibbli.

L-att legali jistabbilixxi l-aspetti speċifiċi tal-politika ġenwini għall-PAK, l-enfasi u t-tmexxija tagħha, filwaqt li joħloq drittijiet u obbligi għall-Istati Membri u l-benefiċjarji finali. Minħabba n-natura fit-tul u strateġika tagħha, u billi l-infiq tagħha jinkludi appoġġ

għall-introjtu, għall-investimenti u għall-kooperazzjoni, bażi legali awtonoma iżda integrata hija ġġustifikata. Filwaqt li titqies is-sistema ta' governanza ġenerali tal-QFP, l-aktar mezz xieraq biex jiġi operazzjonalizzat il-qafas propost huwa permezz ta' regolament iddedikat dwar il-Politika Agrikola Komuni, li jikkomplementa r-Regolament propost dwar l-FSNR u r-Regolament dwar il-Prestazzjoni b'dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-Politika Agrikola Komuni. Dan jaħdem flimkien mal-OKS, bħal fil-passat.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti

F'Novembru 2023, il-Kummissjoni ppubblikat rapport dwar l-isforzi konġunti tal-Pjanijiet Strateġiċi kollha tal-PAK fl-Istati Membri tal-UE (skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 applikabbli bħalissa) li jenfasizza xi elementi ewlenin:

- Il-Pjanijiet Strateġiċi l-ġodda tal-PAK huma għodda xierqa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-PAK;
- Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK juru appoġġ kontinwu għall-introjtu tal-azjendi agrikoli, għas-sostenibbiltà ekonomika u għar-reżiljenza tas-settur agrikolu;
- Hemm il-ħtieġa li jissaħħu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju u ż-żieda fl-adozzjoni tagħhom fl-Unjoni kollha permezz ta' skemi tal-UE jew dawk nazzjonali;
- Il-pjanijiet huma aktar ekoloġiċi minn dawk tal-perjodu preċedenti tal-PAK; iżda hemm aktar potenzjal li jingħata kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jissaħħaħ is-sekwestru tal-karbonju, filwaqt li l-isfidi tal-adattament għat-tibdil fil-klima jitolbu approċċ aktar olistiku u aktar fit-tul li jeħtieġ prattiki ta' ġestjoni u investment rilevanti;
- Hemm progress tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, b'mod partikolari tal-ħamrija u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-inputs kimiċi;
- Se jkun meħtieġa approċċi aktar olistiċi għal setturi speċifiċi, li jinkludu l-vulnerabbiltajiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom: pereżempju, it-tisħiħ tal-influwenza pożittiva tas-sistemi estensivi tal-bhejjem fuq il-bijodiversità, is-sekwestru tal-karbonju, il-pajsaġġi, il-wirt kulturali u l-għajxien rurali;
- U, fl-aħħar nett, is-sitwazzjoni ġenerali tiddependi wkoll minn elementi barra mill-PAK, kif ukoll minn fatturi esterni oħra bħall-evoluzzjoni tas-swieq u l-preferenzi tal-konsumaturi.

F'dak ir-rapport ġenerali li jiġbor fil-qosor l-ambizzjoni kollettiva u l-isforz konġunt tal-Istati Membri, il-Kummissjoni qieset li hija partikolarment meħtieġa aktar attenzjoni fl-oqsma li ġejjin: it-tisħiħ tal-ħiliet, tat-taħriġ u tal-funzjoni konsultattiva fil-livelli kollha; it-trawwim ta' skambji ta' prattiki tajbin biex l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jiġu ggwidati aħjar; it-tnaqqis tal-piż amministrattiv ta' interventi speċifiċi; u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati (kif ukoll l-aġġustament tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK meta meħtieġ).

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni involviet ruħha b' mod attiv mal-partijiet ikkonċernati fit-tnejn tal-inizjattivi tal-QFP.

F'Jannar 2024 tnedja djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura tal-UE, li laqqa' flimkien 29 parti kkonċernata ewlenija mis-setturi agroalimentari Ewropej, mis-soċjetà ċivili, mill-komunitajiet rurali u mid-dinja akkademika biex jintlaħaq fehim komuni u tiġi stabbilita viżjoni għall-futur tas-sistemi tal-biedja u tal-ikel tal-UE. Id-Djalogu Strateġiku enfasizza l-ħtieġa li jkompli jiġi pprovdut appoġġ soċjoekonomiku mmirat lejn il-bdiewa li l-aktar jeħtiġuh; il-promozzjoni ta' eżiti pożittivi ambjentali, soċjali u tal-benessri tal-annimali għas-soċjetà; u t-tiżni tal-kundizzjonijiet abilitanti għaż-żoni rurali. Ikkonkluda li sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-UE f'termini tal-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel, l-iżvilupp rurali, in-newtralità klimatika, u r-restawr tal-bijodiversità, hemm il-ħtieġa ta' baġit iddedikat u proporzjonat li jrid jaqbel mal-ambizzjonijiet kollha b'importanza bbilanċjata u ugwali. Dan il-prinċipju huwa essenzjali biex it-tranżizzjoni ssir ekonomikament profittabbli, jiġi promoss it-tiġdid ġenerazzjonali, jissaħħu ż-żoni rurali u jiġu appoġġati l-azjendi agrikoli fi żvantaġġ kompetittivi, iżda li huma essenzjali għad-diversità agrikola fl-UE.

Barra minn hekk, fil-qafas tal-Bord Ewropew għall-Agricoltura u għall-Ikel (EBAF, European Board for Agriculture and Food), li ġie stabbilit dan l-aħħar, saret diskussjoni ddedikata fid-19 ta' Mejju 2025 u fid-19–20 ta' Ġunju 2025 fejn tlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-komunità tal-biedja, atturi oħra tal-katina tal-provvista tal-ikel, u s-soċjetà ċivili, biex jiddiskutu kif il-pagamenti diretti jistgħu jiġu mmirati aħjar u kif tista' ssir il-bidla minn kundizzjonijiet għal inċentivi fil-PAK wara l-2027.

Inġabru kontributi addizzjonali dwar il-futur tal-PAK permezz ta' laqgħat iddedikati organizzati fil-qafas tal-pjattaformi eżistenti tal-partijiet ikkonċernati tal-UE u sessjonijiet ta' ħidma tekniċi *ad hoc* li jlaqqgħu flimkien lill-partijiet ikkonċernati tal-UE u lill-Istati Membri.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex jinġabru l-evidenza u l-għarfien mill-esperti dwar kwistjonijiet relatati mal-PAK, ġiet organizzata serje ta' sessjonijiet ta' ħidma tekniċi bejn Diċembru 2023 u Mejju 2024. Dawn is-sessjonijiet ta' ħidma ppermettew li jsir skambju ta' fehmiet bejn il-partijiet ikkonċernati tal-UE, l-Istati Membri u s-servizzi tal-Kummissjoni, u li jsir progress fil-formulazzjoni tal-konklużjonijiet u l-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jitqiesu fil-proċess ta' modernizzazzjoni u ta' simplifikazzjoni tal-PAK.

L-ewwel sessjoni ta' ħidma dwar ir-reżiljenza kkonkludiet il-ħtieġa li jissaħħu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-azjendi agrikoli u l-opportunitajiet ta' kondiviżjoni tar-riskju tul il-katina tal-valur, b'approċċ aktar olistiku li jinkludi wkoll il-prevenzjoni. It-tieni sessjoni ta' ħidma, li ffukat fuq is-sigurtà tal-ikel, u t-tielet sessjoni, li ffukat fuq is-sostenibbiltà, ikkonkludew b'appoġġ wiesa' dwar il-ħtieġa li l-bdiewa jingħataw għajnuna biex jittestjaw innovazzjonijiet ġodda u pariri aktar indipendenti. Ir-raba' sessjoni ta' ħidma dwar il-governanza u l-prestazzjoni tal-PAK ikkonfermat l-appoġġ ġenerali għall-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid tal-PAK, u l-parteċipanti appellaw dwar il-ħtieġa ta' stabbiltà, flessibbiltà u simplifikazzjoni (speċjalment għall-bdiewa); l-esplorazzjoni ta' approċċi aktar volontarji; iż-żieda fil-kapaċità ta' rispons għal xokkijiet esterni; il-proporzjonalità fil-kontrolli u l-penali. L-aħħar sessjoni ta' ħidma ffukat fuq is-solidarjetà u ż-żoni rurali, u enfasizzat appoġġ ġenerali biex jiġu żgurati risponsi politiċi aktar integrati – essenzjali għall-firxa tal-isfidi rurali – filwaqt li rrikonnoxxiet li l-PAK waħedha ma tistax tagħmel dan kollu, li

l-aħjar prattiki jeżistu iżda mhumiex implimentati, u li hemm il-ħtieġa ta' aktar bini tal-kapaċità għall-amministrazzjonijiet u ta' oqfsa aktar sempliċi.

Bejn Marzu 2022 u Mejju 2023, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma parteċipattivi mal-partijiet ikkonċernati, bħala parti minn proġett ta' prospettiva tagħha dwar it-tranżizzjoni diġitali għall-bdiewa u għall-komunitajiet rurali. Flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni ħadet sehem fl-eżerċizzju ta' prospettiva mwettaq mill-Presidenza Spanjola dwar l-Awtonomija Strateġika Miftuħa, li kien jinkludi s-settur agroalimentari bħala parti minn erba' setturi strateġiċi.

Fl-aħħar nett, f'Ġunju 2025, djalogu dwar l-implimentazzjoni ppresedut mill-Kummissarju Hansen, ippermetta l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għat-titjib tal-istrumenti attwali tal-PAK.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta ġiet infurmata mill-valutazzjoni tal-impatt imwettqa fil-kuntest tal-proposta tal-FSNR tal-Kummissjoni tal-QFP 2028–2034, li evalwat l-għażliet għat-tfassil tal-pjan SNR, b'enfasi fuq żewġ aspetti ewlenin: il-mudell ta' implimentazzjoni, li jiddetermina kif jiġu żborżati l-fondi, u l-mod ta' ġestjoni, li jirregola kif jiġi implimentat u ssorveljat l-infiq tal-UE.

Il-valutazzjoni tal-impatt evalwat l-għażliet għall-integrazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) fi pjan uniku.

L-Għażla 1 (il-PAK barra mill-Pjanijiet SNR) tkun qed tibni fuq l-għarfien espert miksub mill-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi attwali tal-PAK. Dan l-approċċ jiżgura l-kontinwità, jippermetti bidliet li jistgħu jiġu ġestiti, u jiċċara r-responsabbiltajiet fil-livell tal-Unjoni u l-livell nazzjonali.

L-integrazzjoni ulterjuri tal-PAK twassal għal aktar simplifikazzjoni u sinerġiji akbar fil-kisba tal-oġettivi tal-politika u tiżgura l-prevedibbiltà għall-benefiċjarji. Min-naħa l-oħra, approċċ ta' fond uniku għall-PAK futura, filwaqt li jippermetti appoġġ immirat, jillimita l-kapaċità li jiġu indirizzati ħtiġijiet emerġenti jew mhux previsti u prijoritajiet li jinbidlu. Madankollu, biex tissaħħaħ l-effiċjenza, hemm potenzjal għal aktar armonizzazzjoni tal-aspetti ewlenin tat-tfassil tal-politika, bħall-monitoraġġ, il-prestazzjoni, u s-sistemi tal-awditjar, fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) futur. Dan joħloq sinerġiji fil-proċeduri amministrattivi, u jnaqqas il-kostijiet għall-Istati Membri.

B'kuntrast ma' dan, il-valutazzjoni tal-impatt turi li l-integrazzjoni sħiħa tal-PAK (l-Għażla 2b) tkun teħtieġ l-introduzzjoni ta' regoli speċifiċi biex jiġu żgurati l-integrità tas-suq uniku u l-kompetizzjoni ġusta fost il-bdiewa, b'mod partikolari għal strumenti li jappoġġaw direttament l-introjtu tal-azjendi agrikoli, bħall-pagamenti diretti, li huma kruċjali għall-għajxien tal-bdiewa.

Skont il-valutazzjoni tal-impatt, pjan wieħed għal kull Stat Membru jiżgura programmar aktar koerenti, li jirrifletti l-ħtiġijiet nazzjonali u reġjonali filwaqt li jappoġġa l-prijoritajiet tal-Unjoni. Pakkett uniku għal kull Stat Membru jippermetti allokkazzjoni effiċjenti u flessibbli tal-finanzjament, li tippermetti riallokkazzjoni faċli tar-riżorsi biex jiġu indirizzati prijoritajiet jew sfidi ġodda. B'mod ġenerali, il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li kamp ta' applikazzjoni usa' u approċċ ta' ġestjoni integrata jgħibu benefiċċji sinifikanti, inklużi aktar koerenza, sempliċità u flessibbiltà.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Is-simplifikazzjoni hija prijorità ġenerali tal-Kummissjoni bil-għan li tnaqqas il-piż u l-kumplessità żejda u tiffavorixxi l-ħeffa u l-flessibbiltà.

L-għadd ta' dispożizzjonijiet relatati mal-Politika Agrikola Komuni tnaqqas drastikament, u nkisbet koerenza bejn l-artikoli rilevanti fil-PSNR, fir-Regolament dwar il-PAK u fir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq. B'mod ġenerali, il-livell ta' dettall u l-għadd ta' rekwiżiti jitnaqqas filwaqt li ssir enfasi fuq id-dispożizzjonijiet essenzjali għall-funzjonament tal-qafas legali tal-PAK. Dan iwassal mhux biss għal tnaqqis fl-għadd totali ta' dispożizzjonijiet iżda jtejjeb ukoll il-kwalità ġenerali tal-leġislazzjoni u jnaqqas il-kumplessità tagħha, filwaqt li jipprovdi aktar flessibbiltà għall-Istati Membri biex jaġġustaw l-istrumenti komuni tal-PAK għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom.

Permezz tal-integrazzjoni tal-interventi mill-istruttura attwali ta' żewġ fondi (l-FAEG u l-FAEŻR), il-proposta tallinja l-għodod għall-objettivi tal-kompetittività, tar-reżiljenza, tal-innovazzjoni u tas-sostenibbiltà, u tippermettilhom jaħdmu b'mod konġunt għal eżiti aħjar. Dan l-allinjament mhux biss isaħħaħ l-effettività tal-appoġġ disponibbli iżda jgħib ukoll aktar flessibbiltà u simplifikazzjoni fil-ġestjoni tiegħu, u fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal interventi aktar effiċjenti u mmirati kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-awtoritajiet. Din iż-żieda fil-flessibbiltà tagħti lill-Istati Membri l-opportunità li jfasslu, jippjanaw u jimplementaw l-għodod għall-appoġġ tal-PAK bl-aħjar mod biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur.

Is-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji se tinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta':

- is-simplifikazzjoni tal-kundizzjonalità (l-intendenza tal-azjendi agrikoli). It-tnaqqis fl-għadd ta' tipi ta' interventi (ħafna minnhom ġew amalgamati bħal pereżempju l-ekoskemi u l-impenji agroambjentali u klimatiċi, u kien hemm tnaqqis sinifikanti ta' skemi fil-pagamenti diretti), l-iffukar aħjar tat-tipi ta' interventi, ir-rekwiżiti ewlenin li jinsabu biss fir-Regolament;
- l-offerta ta' aktar somom f'daqqa. Dan se jippermetti proċeduri ta' applikazzjoni simplifikati li se jnaqqsu l-piż għall-benefiċjarji u għall-amministrazzjonijiet.

Is-simplifikazzjoni għall-Istati Membri ġejja minn:

- Fond uniku: l-ebda regola kumplessa dwar it-trasferimenti u l-ebda sett separat ta' regoli għal kull fond ma jwassal biex il-piż tal-kontroll jinbidel mill-aġenziji tal-pagamenti għall-korpi nazzjonali kompetenti ta' kontroll eżistenti u b'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' verifiki ta' kontroll multipli fuq l-azjenda agrikola;
- il-proposta tallinja wkoll l-iskedi ta' żmien għall-pagamenti, tneħħi r-riġiditajiet filwaqt li tiżgura pagamenti f'waqthom lill-bdiewa, u b'hekk tippermetti rabta aktar mill-qrib mal-implimentazzjoni reali tal-interventi.
- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tħares id-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament FSNR. Id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament propost dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt se japplikaw ukoll għall-appoġġ għall-Politika Agrikola Komuni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Sabiex jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-ippjanar ta' sħubija nazzjonali u reġjonali, il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2028–2034 (daħħal ir-referenza) tinkludi l-Politika Agrikola Komuni fl-FSNR. Parti sinifikanti mill-Fond hija ddedikata għall-appoġġ għall-introjtura għall-agrikoltura, li huwa delimitat b'minimu ta' EUR 293,7 biljun mill-allokazzjonijiet tal-Fond, sabiex jipprovdi stabbiltà u prevedibbiltà tal-appoġġ għall-benefiċjarji.

Dan il-finanzjament jista' jgħid fl-FSNR permezz ta' programmar sinerġetiku ta' azzjonijiet li jservu aktar minn objettiv wieħed, bħall-agroenerġija, il-ħiliet u l-infrastruttura soċjali, l-ilma jew il-konnettività, biex nagħtu biss ftit eżempji. Barra minn hekk, ir-Regolament FSNR se jipprovdi finanzjament għall-promozzjonijiet ta' prodotti agrikoli, interventi ta' kriżi u x-xibka ta' sikurezza fl-għaqda (li tintegra r-riżerva agrikola attwali) skont il-Faċilità għal ammont ta' EUR 6,3 biljun, kif ukoll il-parti tal-finanzjament tal-assistenza teknika, pereżempju n-networks jew il-monitoraġġ. .

Il-finanzjament għall-agrikoltura jista' jibbenefika minn proġetti skont il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u jibqa' parti integrali mill-Programm Qafas Ewropew għar-Riċerka, skont it-taqsimiet tiegħu ddedikati għas-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Bijoekonomija biex jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bijoekonomija. Il-kombinazzjoni se tippermetti li jiġu ppreservati l-għodod disponibbli bħalissa, għall-użu b'mod ottimizat.

Id-dettalji dwar l-impatt finanzjarju tal-proposta dwar il-PAK huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta PSNR.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din l-inizjattiva se tiġi mmonitorjata permezz tal-qafas ta' prestazzjoni applikabbli għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034, li huwa stabbilit fil-proposta għal Regolament [regolament dwar il-prestazzjoni]. Il-qafas ta' prestazzjoni jipprevedi rapport ta' implimentazzjoni matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-programm, kif ukoll evalwazzjoni retrospettiva li għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509¹. L-evalwazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u se tkun ibbażata fuq indikaturi rilevanti għall-objettivi tal-Fond.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta hija parti mill-pakkett tal-QFP 2028–2034, inkluż ir-Regolament FSNR u r-Regolament dwar il-Prestazzjoni li jipprovdu finanzjament, il-qafas għall-prinċipji orizzontali, ir-regoli dwar il-ġestjoni tal-Fond SNR, il-qafas finanzjarju, ir-regoli ġenerali dwar il-

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

kontenut u l-approvazzjoni tal-Pjanijiet SNR u l-governanza tagħhom, kif ukoll il-pakkett ta' aċċertament, il-qafas ta' prestazzjoni u l-qafas ta' monitoraġġ.

Din il-proposta tikkomplementa dawn ir-regoli ġenerali b'regoli speċifiċi li japplikaw għall-Politika Agrikola Komuni u għall-kapitolu dwar l-Agrikoltura tal-Pjanijiet SNR.

Il-proposta hija wkoll komplementari għar-regoli stabbiliti fir-Regolament propost li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013², li se jipprevedi regoli dwar l-interventi f'ċerti setturi u l-iskemi għall-iskejje.

Ir-Regolament dwar il-Politika Agrikola Komuni:

L-Artikoli 1 u 2 jipprevedu l-kamp ta' applikazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li għandhom jiġu adottati u t-tmexxija. L-Artikoli 3 u 4 jiddeskrivu l-elementi tal-arkitettura ambjentali, klimatika u soċjali tal-PAK inklużi l-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi. L-Artikolu 5 jelenka l-interventi kollha tal-PAK u jstabilixxi dispożizzjonijiet dwar l-interventi ta' appoġġ għall-introjt. L-Artikoli minn 6 sa 20 jiddeskrivu r-rekwiżiti għall-interventi tal-PAK kif ukoll id-dispożizzjonijiet għall-immirar.

L-Artikoli 15 u 16 jagħtu dettalji dwar id-dispożizzjonijiet relatati mat-tiġdid ġenerazzjonali li jipprevedu l-pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġh, li jikkonsisti f'sett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażaġh li jiffaċilita d-dħul u l-istabiliment tal-bdiewa fis-settur agrikolu. L-Artikoli 18, 19, 20 ikopru interventi oħra skont il-PAK iffinanzjati mill-allokkazzjonijiet għall-Pjanijiet SNR. Dawn jstabilixxu tipi ta' intervent għall-kooperazzjoni, il-LEADER, li hu appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien u għall-innovazzjoni fl-agrikoltura, fil-forestrija u fiż-żoni rurali u jstabilixxi azzjonijiet oħra għall-PAK.

L-Artikolu 21 jstabilixxi l-governanza tad-data tal-PAK, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-awtorità responsabbli għall-governanza tad-data skont il-PAK.

L-Artikoli 22 sa 25 fihom dispożizzjonijiet ġenerali u finali, inkluża d-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament u s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiegħu miżuri ħalli tidderoga minn dan ir-Regolament bil-għan li jissolvew problemi speċifiċi f'każijiet ta' emerġenza ġustifikabbli, proċedura tal-Kumitat u dispożizzjonijiet finali.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671–854), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att tal-Adeżjoni tal-1979, u b'mod partikolari l-paragrafu 6 tal-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton meħmuż miegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri³,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁵,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2025 bit-titolu "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel"⁶ tħabbar li l-Politika Agrikola Komuni (il-"PAK") wara l-2027 issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-Istati Membri dwar kif jilħqu l-oġġettivi tal-PAK, jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjti tal-bdiewa u jattiraw ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, u jiggarrantixxu s-sigurtà tal-ikel. Il-PAK il-ġdida trid tkun politika komuni tal-Unjoni aktar sempliċi u aktar immirata, b'aktar flessibbiltà u bidla minn rekwiżiti għal inċentivi għall-bdiewa.
- (2) Il-pakkett leġiżlattiv tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) mill-2028 sal-2034 jinkludi r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [SNR] li jistabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-"Fond") għall-perjodu mill-2028 sal-2034, li jiġbor flimkien il-fondi allokat minn qabel fil-livell nazzjonali skont il-Fond, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbiliti skont ir-Regolament

³ ĠU C , , p .

⁴ ĠU C , , p .

⁵ ĠU C , , p .

⁶ IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REGĠUNI: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM(2025)75 final; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075>.

(UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. Il-Fond jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-“Pjanijiet SNR”) u tal-Faċilità tal-UE, li l-għan tagħhom hu li jżidu l-flessibilità u jipprovdu għal kriżijiet u interventi li jeħtieġu tmexxija jew koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għall-PAK se jiġi pprovdut skont il-Fond, f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) .../... [SNR].

- (3) Fir-rigward tal-agrikoltura, l-oġġettiv ġenerali tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE).../... [SNR] ifakkar l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-oġġettivi speċifiċi tal-PAK jikkontribwixxu direttament għas-sostenn tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni u jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom.
- (4) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod adegwat l-aktar sfidi urġenti għas-settur agrikolu, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu ta' tmexxija li jirrifletti l-orjentazzjonijiet tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel għal politika mmirata. Sabiex isir progress lejn settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli, f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jipprovdu livell suffiċjenti ta' tmexxija tal-politika fil-livell tal-Unjoni, biex jiggwidaw lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Pjanijiet SNR tagħhom fir-rigward tal-agrikoltura, filwaqt li jiddefinixxu l-interventi rilevanti abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.
- (5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u qafas komuni għall-appoġġ għas-settur agrikolu tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-elementi tal-qafas filwaqt li jqisu l-ispeċifità u l-ħtiġijiet lokali u jżommu f'moħħom l-oġġettivi tal-PAK, filwaqt li l-Unjoni jenħtieġ li ttiprovdi l-qafas komuni għal politika li tappoġġa lil dawk li l-aktar jeħtieġu.
- (6) Il-PAK uriet impatt pożittiv fuq it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, iżda għad hemm ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tal-provvista ta' infrastruttura u servizzi bażiċi fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-art u xibka ta' sikurezza soċjali għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-bdiewa li jirtiraw. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ u tal-parteċipanti ġodda, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun meħtieġ jistabbilixxi strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-Pjan SNR li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kuntest nazzjonali speċifiku, f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni, li tipprijoritizza s-sostenibilità u l-attrazzjoni fit-tul tas-settur tal-biedja u agroalimentari tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ukoll “pakkett tal-bidu” komprensiv għall-bdiewa żgħażagħ, imfassal biex jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ fis-settur, inkluż pakkett komprensiv ta' interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ.
- (7) F'konformità mal-oġġettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiffasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj>).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj>).

prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.

- (8) Jenħtieġ li l-intendenza tal-azjendi agrikoli tiġi stabbilita biex tiggarrantixxi l-konformità tal-appoġġ tal-PAK mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. L-intendenza tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li tinkludi rekwiżiti minimi ta' kundizzjonalità ambjentali u soċjali, kif ukoll Prattiki Protettivi mfassla mill-Istati Membri biex jilhqnu l-objettivi ewlenin bħall-protezzjoni tal-ħamrija u tal-moġhdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jadattaw dawk il-prattiki protettivi għall-kuntest ġeografiku u klimatiku u għas-sistemi ta' produzzjoni speċifiċi tagħhom inkluż billi jistabbilixxu eżenzjonijiet. Sabiex tiġi promossa agrikoltura soċjalment sostenibbli, ċerti pagamenti tal-PAK jeħtieġu konformità mal-istandards dwar il-kundizzjonijiet tax-xoġhol u tal-impjieg, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Jenħtieġ li jitħarsu l-Karta Ewropea u d-diversi oqfsa nazzjonali u mudelli tas-suq tax-xoġhol, u jenħtieġ li l-ebda obbligu addizzjonali ma jiġi impost fuq is-sħab soċjali jew l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar jew il-kontrolli, filwaqt li jiġu evitati korrezzjonijiet doppji.
- (9) L-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa jenħtieġ li jibqa' l-istrument ta' politika ċentrali biex jiggarrantixxi introjtu ġust għall-bdiewa u biedja u produzzjoni tal-ikel sostenibbli. Jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-trawwim ta' settur agrikolu kompetittiv u reżiljenti li jfittex li jikseb il-benefiċċji ta' produzzjoni ta' kwalità għolja u effiċjenza fir-riżorsi, filwaqt li jiżgura t-tiġdid ġenerazzjonali, u b'hekk is-sigurtà tal-ikel fit-tul. L-allokkazzjonijiet tal-appoġġ għall-introjtu jenħtieġ li jiġu delimitati biex jintużaw għall-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa biss, biex jipprovdu stabbiltà u prevedibbiltà għas-settur agrikolu tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati impatt u effiċjenza għolja, il-PAK il-ġdida jenħtieġ li tinvolvi sett ta' għodod issimplifikat u konsistenti ta' tipi ta' intervent ta' appoġġ għall-introjtu li jippermettu lill-Istati Membri jilhqnu l-objettivi tal-PAK.
- (10) Minħabba l-ħtieġa li l-appoġġ jiġi mmirat lejn dawk l-aktar fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jħallsu l-appoġġ digressiv għall-introjtu bbażat fuq iż-żona biss lil dawk il-persuni li l-attività prinċipali tagħhom hija l-agrikoltura, filwaqt li jiżguraw li l-bdiewa pluriattivi u b'azjendi agrikoli zġhar, li huma involuti mill-inqas f'livell minimu ta' attività agrikola, ma jiġux esklużi.
- (11) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa ta' aktar reżiljenza u ġestjoni tar-riskju tal-azjendi agrikoli, jenħtieġ li jingħata appoġġ biex tittejjeb il-kapaċità tal-bdiewa ħalli jkunu jistgħu jifilħu riskji u kriżijiet dejjem akbar, bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima jew l-instabbiltà tas-suq, biex il-bdiewa jkunu jistgħu jieħdu sehem f'għodod għall-ġestjoni tar-riskju, inkluż appoġġ għall-primjums tal-assigurazzjoni u kontribuzzjonijiet għal fondi mutwi fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li jiġi promoss approċċ proattiv għall-

⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

ġestjoni tar-riskju li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur billi jiġu stabbiliti rati massimi ta' appoġġ xierqa, b'incenċivi għall-bdiewa li jimplementaw miżuri preventivi tar-riskju.

- (12) Jenħtieġ li l-oġettivi tal-PAK jiġu segwiti wkoll permezz ta' appoġġ għall-investimenti implimentati mill-bdiewa u mis-sidien tal-foresti. Dawn l-investimenti jistgħu jikkonċernaw, fost l-oħrajn, infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, il-prattiki tal-agroforestrija, l-enerġija u l-ilma, l-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura, il-biedja ta' preċiżjoni, u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-introjtu f'attivitajiet oħra bħall-agrituriżmu u l-bijoekonomija. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu appoġġati investimenti fir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola jew tal-forestrija wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż nirien, maltemp, għarġhar, pesti u mard.
- (13) Filwaqt li tiġi rikonossuta l-ħtieġa li l-bdiewa jibbilanċjaw id-dmirijiet professjonali mar-responsabbiltajiet personali u familjari, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi pprovdut appoġġ għal servizzi ta' għajjnuna għall-azjendi agrikoli li jiffaċilitaw is-sostituzzjoni tal-bdiewa waqt liv minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal, għall-vaganzi jew għal meta jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi appoġġat l-istabiliment ta' dawn is-servizzi kif ukoll il-pagi għall-ħaddiema temporanji li jissostitwixxu lill-bidwi.
- (14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.
- (15) F'konformità mal-ħtieġa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u lil Prattiki Aktar Sostenibbli, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (l-"EIP-AGRI", European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability) jenħtieġ li tibqa' għodda ta' politika ewlenija, biex tappoġġa l-innovazzjoni interattiva, filwaqt li ssaħħaħ l-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi bil-ħsieb li jinxterdu soluzzjonijiet lesti għall-prattika¹⁰. Is-sinerġiji bejn il-PAK u l-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka (FP10), stabbilit bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jħeġġu lill-agrikoltura tuża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-FP10 u l-EIP-AGRI, li jwasslu għal innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u tal-bijoekonomija u fiż-żoni rurali.
- (16) It-tiħiħ tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi pubbliċi ta' informazzjoni dwar l-agrikoltura fil-livell nazzjonali jista' jgħib benefiċċji sinifikanti, inkluż tnaqqis fil-piż tal-ġbir tad-data, effiċjenza mtejba, u monitoraġġ imsaħħaħ tal-politika. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi" ħalli jitnaqqas il-piż tar-rapportar. Id-deżinjazzjoni ta' awtorità unika biex tikkoordina l-isforzi tal-interoperabbiltà u l-investment f'IDs uniċi tal-azjendi agrikoli, il-Kartiera tal-UE tal-Identità Diġitali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, u l-infrastruttura tal-kondiviżjoni

¹⁰ IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu", COM(2012)79 final.

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73-114) ELI : <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj>.

tad-data jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv, jissimplifikaw l-obbligi tar-rapportar, u jagħtu s-setgħa lill-bdiewa fil-katina tal-valur tad-data, u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw l-għanijiet tal-PAK.

- (17) Sabiex jiġu s-supplimentati l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi delegata s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi delegata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament b'miżuri li jiżguraw li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati mill-Istati Membri.
- (18) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-Pjan Direzzjonali ħalli tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni.
- (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih meta raġunijiet imperattivi ta' urġenza, f'każijiet debitament ġustifikati, ikunu jeħtieġu li jissolvew problemi speċifiċi u li tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ għall-introjtu fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih, meta f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, ċirkostanzi straordinarji jaffettwaw l-għoti ta' appoġġ u jipperikolaw l-implimentazzjoni effettiva tal-interventi elenkati f'dan ir-Regolament.
- (20) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-miżura prevista u bħala kwistjoni ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-oġġettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-“Fond”), f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [SNR].

Artikolu 2

Rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK u tmexxija

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej:

- (a) il-kontribut għal introjtu ġust u suffiċjenti għall-bdiewa u għall-kompetittività fit-tul tagħhom, inkluża l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur;
- (b) it-titjib tal-attraenza tal-professjoni u t-trawwim tat-tiġdid ġenerazzjonali;
- (c) it-tiġid tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;
- (d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tnejjja tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;
- (e) it-tiġid tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu.

Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni rurali, inklużi l-fattori demografiċi, il-karatteristiċi strutturali u territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-ikel f'kull Stat Membru.
3. Fir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tidentifika l-isfidi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati minn kull Stat Membru fil-Pjan SNR tagħhom, abbażi tal-oġġettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Artikolu 3

Intendenza tal-azjendi agrikoli

1. L-intendenza tal-azjendi agrikoli għandha tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti A [*l-Anness bir-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs, Statutory Management Requirements)*], il-prattiki protettivi definiti mill-Istati Membri fil-Pjan SNR f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Anness I, il-Parti C, u s-sistema ta' kundizzjonalità soċjali li tinkludi r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Parti B.
2. Il-pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u l-punti (o) u (p), sa fejn jikkonċernaw l-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' sistema ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u ta' Prattiki protettivi kollettivament imsejħa "intendenza tal-azjendi agrikoli".

Il-lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-oġġettivi tal-prattiki protettivi huma stabbiliti fl-Anness I.

Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-intendenza tal-azjendi agrikoli elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u C, ma għandhomx japplikaw għall-bdiewa li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punt (g).

3. L-appoġġ soġġett għall-kundizzjonijiet tal-intendenza tal-azjendi agrikoli għandu jitqies li jikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" f'konformità mal-Artikolu 33(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "rekwiżit statutorju ta' ġestjoni" tfisser kull rekwiżit individwali elenkat fl-Anness I, il-Partijiet A u B, stabbilit f'att legali speċifiku elenkat fl-Anness I, il-Partijiet A u B, li jvarja fis-sustanza minn kwalunkwe rekwiżit ieħor fl-istess att.

L-atti legali elenkati fl-Anness I dwar ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni għandhom japplikaw fil-verżjoni li tkun applikabbli u, fil-każ tad-Direttivi, kif implimentati mill-Istati Membri. Madankollu, l-atti li jimplimentaw id-direttivi jista' ma jkollhomx l-iskop jew l-effett ta' eżenzjoni tal-bdiewa jew ta' benefiċjarji oħra mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u B.

4. F'konformità mal-Anness I, il-Parti C, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, prattiki protettivi li għandhom jitħarsu mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra li jirċievu l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 2, sabiex jintlaħqu l-oġġettivi li ġejjin:
 - (a) il-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-artijiet bil-ħaxix permanenti fiż-żona agrikola;
 - (b) il-protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, il-preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, iż-żamma tal-materja organika tal-ħamrija, inkluż permezz tan-newba jew tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, kif ukoll il-protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit;
 - (c) il-protezzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma u tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u l-ilma tax-xeba'.
5. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-Pjan SNR deskrizzjoni tal-prattiki protettivi definiti għal kull wieħed mill-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 inkluż il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħhom, il-bdiewa u benefiċjarji oħra soġġetti għall-prattika u sommarju tal-prattika protettiva. Meta jistabbilixxu l-prattiki protettivi, l-Istati Membri għandhom iqisu bis-siġh ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 2. L-Istati Membri għandhom jadattaw il-prattiki protettivi għal sistemi differenti ta' ġestjoni tal-art u kundizzjonijiet ambjentali u klimatiki differenti fit-territorju tagħhom.
6. Il-bdiewa li l-azjenda kollha tagħhom hija ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-prattiki protettivi stabbiliti fil-Pjanijiet SNR fir-rigward tal-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punti (b) u (c).
7. Fl-istabbiliment tal-prattiki protettivi msemmija fil-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom, eżenzjonijiet speċifiċi minn dawk il-prattiki protettivi bbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħal għelejjel, tipi ta' ħamrija u sistemi tal-biedja jew ħsara lill-artijiet bil-ħaxix permanenti minħabba, fost l-oħrajn, annimali selvaġġi jew speċijiet invażivi. Dawk l-eżenzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu limitati f'termini tal-kopertura taż-żona tagħhom, għandhom jiġu stabbiliti biss fil-każ, u sal-punt, li huma meħtieġa biex jindirizzaw problemi speċifiċi fl-applikazzjoni ta' dawk il-prattiki u ma għandhomx ixejjel l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 jew joħlqu distorsjoni tal-kompetizzjoni.
8. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi temporanji mill-prattiki protettivi, meta l-kundizzjonijiet tat-temp jipprevjenu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra milli jimplimentaw dawk il-prattiki jew meta l-implimentazzjoni ta' dawk il-prattiki protettivi xxekkel l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-derogi temporanji jkunu limitati fil-kamp ta' applikazzjoni u d-durata tagħhom sa fejn ikun meħtieġ, jingħataw abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux

¹² Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj>).

diskriminatorji u li ma jxekklux l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 jew ma johlqux distorsjoni tal-kompetizzjoni.

9. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu li l-prattiki ta' ġestjoni skont l-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (a), jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu b'mod ekwivalenti għall-prattiki protettivi rilevanti stabbiliti fil-Pjan SNR skont dak il-paragrafu. L-Istati Membri jistgħu jqisu li l-bdiewa u benefiċjarji oħra li jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw dawk il-prattiki ekwivalenti jkunu konformi mal-prattika protettiva rilevanti.

Artikolu 4

Oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:
- (a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;
 - (b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;
 - (c) is-saħħa tal-ħamrija;
 - (d) il-preservazzjoni tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;
 - (e) l-iżvilupp tal-biedja organika;
 - (f) is-saħħa u l-benessri tal-annimali.

L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

2. Għal kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità msemmija fil-paragrafu 1, għandu jingħata appoġġ skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 9, 10 u 13.

Artikolu 5

Tipi ta' appoġġ

1. Dawn li ġejjin huma l-interventi tal-PAK stabbiliti:
- (a) appoġġ digressiv għall-introjtu bbażat fuq iż-żona;
 - (b) appoġġ akkoppjat għall-introjtu;
 - (c) pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton;
 - (d) pagament għar-restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona;
 - (e) appoġġ għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji;
 - (f) azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi;
 - (g) pagament għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar;
 - (h) appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju;

- (i) appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti;
 - (j) appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażaġh, ta' bdiewa ġodda, il-bidu ta' negozji rurali u l-iżvilupp tal-azjendi agrikoli żgħar;
 - (k) appoġġ għas-servizzi ta' għajjuna għall-azjendi agrikoli;
 - (l) LEADER;
 - (m) appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien u għall-innovazzjoni fl-agrikoltura, fil-forestrija u fiż-żoni rurali;
 - (n) inizjattivi ta' kooperazzjoni territorjali u lokali;
 - (o) interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi;
 - (p) interventi fil-gżejjer minuri tal-Eġew;
 - (q) skema għall-iskejjel tal-UE msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³;
 - (r) interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
 - (s) pagamenti f'każ ta' kriżi għall-bdiewa.
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) [...] [SNR].
3. Il-produzzjoni ta' varjetajiet tal-qanneb b'kontenut ta' tetraidrokannabinol (THC, tetrahydrocannabinol) li jaqbeż iż-0,3 % ma għandhiex tkun eliġibbli għall-appoġġ skont dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Appoġġ digressiv għall-introjtu bbażat fuq iż-żona

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona għal ettari eliġibbli lill-bdiewa biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-introjtu.
2. Il-pagament għal kull ettaru eliġibbli għandu jkun differenzjat skont il-gruppi ta' bdiewa jew iż-żoni ġeografiċi, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Il-gruppi ta' bdiewa jew iż-żoni ġeografiċi li huma l-bażi għad-differenzjazzjoni tal-pagamenti għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-introjtu tal-bdiewa minn attività agrikola f'perjodu ta' referenza rappreżentattiv.

Meta jiddifferenzjaw il-pagamenti, l-Istati Membri għandhom jimmiraw l-appoġġ lejn il-bdiewa li huma l-aktar fil-bżonn, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażaġh u ġodda, il-bdiewa nisa, il-bdiewa b'azjendi agrikoli tal-familja jew b'azjendi agrikoli żgħar, il-bdiewa li jikkombinaw il-produzzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem jew il-bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 8.

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>).

Id-differenzjazzjoni tal-pagamenti tista' tiegħu l-forma ta' pagamenti ta' somom f'daqqa annwali li jissostitwixxu għalkollox jew parzjalment l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona għal kull ettaru eliġibbli. L-Istati Membri għandhom iżidu l-appoġġ għal kull ettaru eliġibbli mogħti lill-bdiewa żgħażaġh.

3. L-ammont totali ta' pagamenti għal kull bidwi stabbilit f'konformità mal-paragrafu 2 għandu jkun digressiv f'konformità mar-regoli li ġejjin:
 - (a) L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont annwali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona li jaqbeż l-EUR 20 000 li għandu jingħata lil bidwi b'25 % meta l-ammont tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona mogħti lil bidwi jkun bejn l-EUR 20 000 u l-EUR 50 000;
 - (b) L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont annwali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona li jaqbeż il-EUR 50 000 li għandu jingħata lil bidwi b'50 % meta l-ammont tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona mogħti lil bidwi jkun aktar minn EUR 50 000 u mhux aktar minn EUR 75 000;
 - (c) L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont annwali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona li jaqbeż il-EUR 75 000 li għandu jingħata lil bidwi b'75 % meta l-ammont tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona mogħti lil bidwi jaqbeż il-EUR 75 000.
4. L-ammont totali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona ma għandux ikun ogħla minn massimu ta' EUR 100 000 għal kull bidwi fis-sena. Fil-każ ta' persuna ġuridika jew gruppi ta' persuni ġuridiċi, il-limitu massimu għandu jkopri l-azjendi kollha taħt il-kontroll ta' persuna ġuridika jew fiżika waħda.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ skont dan l-Artikolu jkun primarjament dirett lejn il-bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex l-agrikoltura, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa.
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sa mhux aktar tard mill-2032, l-applikanti li jilħqu l-età tal-irtirar, iddeterminata mil-liġi nazzjonali, u li jirċievu pensjoni tal-irtirar, ma jibqgħux jirċievu appoġġ skont dan l-Artikolu.
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ettaru eliġibbli jinkludi biss iż-żoni li huma għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:
 - (a) iż-żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontrolli tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti;
 - (b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 4;
 - (c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li fl-“ettaru eliġibbli” jinkludu karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (b), dment

li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jxekklu b' mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

Artikolu 7

Pagament għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri li jissostitwixxu l-appoġġ skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a), (b) u (d). L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent fil-Pjan SNR bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa.
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ skont dan l-Artikolu jkun primarjament dirett lejn il-bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b' mod attiv għas-sigurtà tal-ikel.
Il-pagament annwali għal kull bidwi b'azjenda agrikola żgħira ma għandux jaqbeż it-EUR 3 000.
2. L-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw l-appoġġ mogħti skont dan l-Artikolu għal gruppi ta' bdiewa jew żoni ġeografiċi differenti.

Artikolu 8

Pagament għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ biex jikkumpensaw lill-bdiewa għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona.
2. Il-pagament għaż-żoni b'restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħra jista' jiġi pprovdut fir-rigward ta' żoni li:
 - (a) kienu deżinjati skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴;
 - (b) għadhom kif ġew deżinjati minħabba restrizzjonijiet speċifiċi definiti mill-Istati Membri u ġew inklużi fil-Pjan SNR.L-Istati Membri jistgħu jwettqu rfinar bl-iskop li jeskludu ż-żoni fiż-żoni deżinjati f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
Is-superfiċje taż-żoni deżinjati skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ma għandhiex taqbeż it-2 % taż-żona agrikola utilizzata tal-Istat Membru kkonċernat.
3. Il-pagamenti għal kull ettaru eliġibbli għandhom ikunu limitati għall-kostijiet addizzjonali jew għat-telf ta' introjtu relatat mal-produzzjoni agrikola tal-impriża fiż-żoni deżinjati meta mqabbla mal-produzzjoni f'żoni mhux deżinjati.

Artikolu 9

Appoġġ għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obligatorji

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ ibbażat fuq iż-żona f'żoni agrikoli u forestali għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta':

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1305/oj>).

- (a) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE¹⁵ u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶;
- (b) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.

Minbarra ż-żoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jappoġġaw żoni ta' protezzjoni tan-natura delimitati oħra b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja jew għall-forestrija li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE, dment li dawn iż-żoni ma jaqbżux il-5 % taż-żoni deżinjati ta' Natura 2000 koperti mill-Pjan SNR.

2. Il-pagamenti skont dan l-Artikolu jistgħu jingħataw lill-bdiewa, lis-sidien tal-foresti u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom.
3. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti skont dan l-Artikolu sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mal-konformità mar-rekwiżiti obligatorji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, inklużi l-kostijiet tat-tranżazzjoni.

Artikolu 10

Azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benessri tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:
 - (a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;
 - (b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa mill-bdiewa fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inklużi l-konverżjoni għall-biedja organika u l-estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.
2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi appoġġ għall-biedja organika ċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ u sistemi estensivi ta' produzzjoni tal-bhejjem skont iż-żewġ forom ta' azzjoni msemmija fil-paragrafu 1.
3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u jista' jkollhom b'mod partikolari l-oġettivi li ġejjin:

¹⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>.

¹⁶ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj>.

¹⁷ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj>.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj>.

- (a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pessjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;
 - (b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;
 - (c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;
 - (d) l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi; jew
 - (e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija u l-konservazzjoni tal-foresti.
4. L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

L-Istati Membri għandhom iħallsu l-appoġġ għall-bdiewa f'pagamenti parzjali matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni. L-aħħar pagament parzjali jitħallas meta titlesta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pagamenti jiġu rkuprati jekk il-bidwi jonqos milli jimplimenta l-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ biss għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti msemmija fl-Anness I, il-Parti A, u r-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-benessri tal-annimali u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u tal-Unjoni.

Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Artikolu 11

Appoġġ akkoppjat għall-introjt

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjt għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.

L-appoġġ akkoppjat għall-introjt għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli jew għal kull annimal jew għal kull ekwivalenti tal-annimali, definit f'konformità mal-Anness II.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ fil-forma ta' pagament għal kull ettaru biss għaż-żoni li jkunu ddeterminaw bħala ettari eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 6(7).

L-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull ettaru jista' jinkludi appoġġ għall-masġar b'newba qasira u għall-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor. L-appoġġ ma għandux jingħata lis-setturi tat-tabakk u tal-inbid.

L-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull animal għandu jkun limitat għas-setturi taċ-ċanga u tal-vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż, tal-prodotti tal-apikultura u tad-dud tal-ħarir.

2. Abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jindirizza l-ħtiġijiet tal-introjtu addizzjonali.
3. Meta jipplanaw l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jimminimizzaw l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet ta' appoġġ tagħhom fuq is-suq intern.
4. Għall-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull animal lis-setturi tal-bhejjem, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatti ambjentali, inkluż billi jistabbilixxu kriterji ta' densità massima tal-bhejjem f'żoni vulnerabbli għan-nitrati.

Artikolu 12

Appoġġ għall-parteciġazzjoni fl-għodod għall-ġestjoni tar-riskju

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-parteciġazzjoni fl-għodod għall-ġestjoni tar-riskju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss għal telf li jaqbeż livell limitu ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' 3 snin, jew medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' 5 snin esklużi l-oġhla entrata u dik l-aktar baxxa.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li fil-Pjan SNR juru l-eżistenza ta' sistemi nazzjonali li jipprovdu kopertura tar-riskju għall-bdiewa għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jinkludu fil-Pjan SNR tagħhom interventi għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju skont dan l-Artikolu.

2. L-għodod għall-ġestjoni tar-riskju tal-produzzjoni settorjali għandhom jikkalkulaw it-telf jew fil-livell tal-azjenda, jew fil-livell tal-attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat, jew inkella b'rabta maż-żona speċifika assigurata.

Għall-għelejjel permanenti u f'każijiet ġustifikati oħra li għalihom il-metodi tal-kalkolu msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunux xierqa, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu metodu għall-kalkolu tat-telf ibbażat fuq il-produzzjoni annwali medja jew l-introjtu annwali medju tal-bidwi tul perjodu li ma jaqbiżx it-8 snin, esklużi l-oġhla entrata u dik l-aktar baxxa.

3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodu alternattiv xieraq għall-kalkolu tat-telf tal-bdiewa żgħażaġh u tal-bdiewa ġodda.
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u għall-fatturi li jiskattaw il-kumpens fil-Pjan SNR tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed li jirriżulta meta l-interventi skont dan l-Artikolu jingħaqdu ma' skemi għall-ġestjoni tar-riskju pubbliċi jew privati oħra.

Artikolu 13

Appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu għal investimenti produttivi u mhux produttivi li jagħmlu kontribut ġenerali xieraq għar-reżiljenza tal-agrikoltura, tas-sistemi tal-ikel, tal-forestrija u taż-żoni rurali, b'mod partikolari r-reżiljenza għall-klima u għall-ilma. L-Istati Membri għandhom jispjegaw fil-Pjanijiet SNR tagħhom kif qed jippjanaw li jagħtu dan l-appoġġ.
2. Fir-rigward ta' azjendi li huma akbar minn ċertu daqs, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom, l-appoġġ għas-settur tal-forestrija għandu jkun bil-kundizzjoni tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni rilevanti minn pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti f'konformità mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif definit fl-aktar verżjoni reċenti tal-Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa ta' Forest Europe.
3. L-appoġġ għall-investimenti fir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola jew tal-forestrija li tkun saritilha ħsara minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi għandu jingħata biss meta l-avveniment ikkonċernat ikun ikkawża l-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola jew mill-inqas 20 % tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-forestrija.
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' investimenti u kategoriji ta' nefqa mhux eliġibbli, inkluż mill-inqas dawn li ġejjin:
 - (a) ix-xiri ta' drittijiet għall-produzzjoni agrikola;
 - (b) ix-xiri ta' art għal ammont li jaqbeż l-10 % tan-nefqa eliġibbli totali għall-operazzjoni kkonċernata, bl-eċċezzjoni tax-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali u għall-preservazzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju;
 - (c) ix-xiri ta' annimali, u x-xiri ta' pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom, għal skop ieħor għajr:
 - (i) ir-restawr tal-potenzjal agrikolu jew tal-forestrija wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi;
 - (ii) il-protezzjoni tal-bhejjem minn predaturi kbar jew bhejjem li jintużaw fil-forestrija minflok ma jintuża makkinarju;
 - (iii) it-trobbija ta' razez fil-periklu ta' estinzjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ skont l-impenji ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (a);
 - (iv) it-trobbija ta' annimali bovini, nagħaġ jew mogħoż ta' razza pura ta' valur ġenetiku għoli għat-tniissil biex jittejjbu l-kwalità u l-produttività tal-merħliet tal-bhejjem jew biex jiġu ppreservati razez rari jew lokali;
 - (v) il-preservazzjoni ta' varjetajiet ta' pjanti taħt theddida ta' erożjoni ġenetika skont l-impenji msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (a);

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet zootekniki u ġenealoġiċi għat-tniissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tniissil, ħnieżer tat-tniissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u li jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tniissil tal-annimali ("ir-Regolament dwar it-Tniissil tal-Annimali") (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66) ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1012/oj>.

- (d) ir-rata tal-imgħax fuq id-dejn, ħliet fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta' sussidju tar-rata tal-imgħax jew sussidju għat-tariffa ta' garanzija.
5. B'deroga mill-paragrafu 4, il-punti (a), (b) u (c), dak ir-rekwiżit ma għandux japplika meta l-appoġġ jingħata permezz ta' strumenti finanzjarji.
 6. Meta l-liġi tal-Unjoni twassal sabiex jiġu imposti rekwiżiti ġodda fuq il-bdiewa, jista' jingħata appoġġ biex l-investimenti jikkonformaw ma' daww ir-rekwiżiti għal perjodu massimu ta' 36 xahar mid-data meta jsiru obbligatorji għall-azjenda.
 7. L-Istati Membri jistgħu jagħtu biss pagamenti skont dan il-paragrafu sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom relatati mal-konformita' ma' daww ir-rekwiżiti.

Jista' jingħata appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa żgħażagħ li jistabilixxu ruħhom għall-ewwel darba f'azjenda agrikola bħala l-kap tal-azjenda, biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni għal perjodu massimu ta' 36 xahar mid-data tal-istabiliment, jew sakemm jitlestew l-azzjonijiet definiti fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju msemmi fl-Artikolu 14(3). L-Istati Membri jistgħu jagħtu biss pagamenti skont dan il-paragrafu sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom relatati mal-konformita' ma' daww ir-rekwiżiti.

Artikolu 14

L-istabiliment ta' bdiewa żgħażagħ, il-bidu ta' negozji rurali u l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-istabiliment ta' bdiewa żgħażagħ u l-bidu ta' negozji rurali, inkluż l-istabiliment ta' bdiewa ġodda, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom.
2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu biex jgħinu:
 - (a) l-istabiliment ta' bdiewa żgħażagħ li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformita' mal-Artikolu 4(22), il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR];
 - (b) il-bidu ta' negozji rurali marbuta mal-agrikoltura jew il-forestrija inkluż l-istabiliment ta' bdiewa ġodda, jew id-diversifikazzjoni tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi tal-azjendi agrikoli f'attivitatijiet mhux agrikoli;
 - (c) il-bidu ta' negozji rurali;
 - (d) l-iżvilupp tan-negozju ta' azjendi agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri.
3. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu l-kundizzjonijiet għall-preżentazzjoni u l-kontenut ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju li l-benefiċjarji jeħtiġilhom jipprovdu biex jirċievu l-appoġġ skont dan l-Artikolu.
4. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa jew strumenti finanzjarji jew taħlita tat-tnejn. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 300 000 u jista' jkun differenzjat f'konformita' ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Artikolu 15
Strateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom Strateġija dwar it-Tiġdid Ġenerazzjonali fl-Agricoltura biex isaħħu l-effettività u l-koerenza tal-interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażaġh skont dan ir-Regolament, u l-inizjattivi nazzjonali. L-Istrateġija għandha tinkludi:

- (a) valutazzjoni tas-sitwazzjoni demografika attwali fis-settur agrikolu;
- (b) identifikazzjoni tal-ostakli għad-dħul għall-bdiewa żgħażaġh u inizjattivi u miżuri nazzjonali proposti biex dawn jingħelbu;
- (c) deskrizzjoni ta' kif il-pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġh imsemmi fl-Artikolu 16 se jintuża fil-kuntest nazzjonali;
- (d) sinerġiji bejn miżuri li jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali stabbiliti fil-Pjan SNR.

Artikolu 16
Pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġh

1. Il-pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġh għandu jinkludi sett tal-miżuri li ġejjin, f'konformità mal-Istrateġija dwar it-Tiġdid Ġenerazzjonali fl-Agricoltura msemmija fl-Artikolu 15;
 - (a) appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażaġh f'konformità mal-Artikolu 14;
 - (b) appoġġ digressiv għall-introjt bbażat fuq iż-żona għall-bdiewa żgħażaġh f'konformità mal-Artikolu 6;
 - (c) appoġġ għall-bdiewa b'azjendi agrikoli zġhar f'konformità mal-Artikolu 7 immirat lejn il-bdiewa żgħażaġh;
 - (d) appoġġ għall-investiment b'intensità oġhla ta' għajjnuna għall-bdiewa żgħażaġh;
 - (e) possibbiltajiet ta' finanzjament ta' investimenti implimentati minn bdiewa żgħażaġh permezz tal-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];
 - (f) appoġġ għall-bidu ta' negozji rurali;
 - (g) interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw l-aċċess għall-innovazzjoni permezz tal-proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];
 - (h) interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni interġenerazzjonali inkluż is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli f'konformità mal-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];
 - (i) appoġġ għal servizzi ta' għajjnuna għall-azjendi agrikoli f'konformità mal-Artikolu 17;
 - (j) aċċess għal servizzi ta' konsulenza u programmi ta' taħriġ imfassla għall-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażaġh, f'konformità mal-Artikolu 20.
2. Fit-tfassil tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jintegraw rabtiet u sinerġiji ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjanijiet SNR tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri li jiffaċilitaw is-suċċessjoni interġenerazzjonali u t-

tiġdid ġenerazzjonali, l-investimenti għall-bidu ta' negozji rurali, jew l-aċċess għal strumenti finanzjarji u l-użu tagħhom.

3. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' aċċess għall-bdiewa żgħażaġh li jista' jipprovdi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar opportunitajiet u proċeduri ta' appoġġ u jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment fis-settur agrikolu, inkluż il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u gwida għal finanzjament.

Artikolu 17

Servizzi ta' għajjnuna għall-azjendi agrikoli

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għas-servizzi ta' għajjnuna għall-azjendi agrikoli, li jippermetti lill-bdiewa jieħdu liv minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal, għall-kura tat-tfal u membri oħra tal-familja, għall-vaganzi u avvenimenti simili tal-ħajja, kif ukoll għal meta jkun qed jieħdu sehem f'taħriġ, kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom.
2. Dan l-appoġġ għandu jkun limitat għall-istabbiliment ta' servizzi ta' għajjnuna għall-azjendi agrikoli u għall-kostijiet tal-pagi tal-ħaddiema li jissostitwixxu lis-sid tal-azjenda agrikola matul perjodu limitat ta' żmien.

Artikolu 18

LEADER

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għal-LEADER biex ikun jista' jħejji u jimplementa l-istrateġiji ta' żvilupp lokali LEADER skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) [...] [SNR] u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom.
2. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lil-LEADER mill-inqas fiż-żoni rurali bi żvantaġġi speċifiċi definiti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR.
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ permezz tal-LEADER għal proġetti implimentati minn gruppi ta' azzjoni lokali li jinvolvu l-bidu ta' negozji ġodda, il-kapaċità ta' valur miżjud fit-trasformazzjoni u fid-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tal-azjendi agrikoli, inklużi l-agrituriżmu, il-bejgħ dirett ta' prodotti agrikoli u l-innovazzjoni.
4. L-appoġġ ipprovdut mil-LEADER għandu jkun iffukat fuq l-oqsma tal-iżvilupp rurali b'valur miżjud għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti, bħat-trasformazzjoni soċjali, ambjentali, diġitali u ekonomika taż-żoni rurali, it-titjib tal-benessri taċ-ċittadini rurali, u t-tiżni tal-kapital soċjali.

Artikolu 19

Appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien u għall-innovazzjoni fl-agrikoltura, fil-forestrija u fiż-żoni rurali

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien u għall-innovazzjoni fl-agrikoltura, fil-forestrija u fiż-żoni rurali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ:
 - (a) għat-tnejn u l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI kif ukoll azzjonijiet li jiżguraw adozzjoni usa' tar-riżultati tal-proġetti;

- (b) għal azzjonijiet li jippromwovu l-innovazzjoni, it-taħriġ u l-pariri, l-iżvilupp tal-ħiliet, is-servizzi ta' konsulenza u forom oħra ta' kondivizzjoni tal-għarfien u t-tixrid tal-informazzjoni.

L-appoġġ għal servizzi ta' konsulenza għandu jingħata biss għal dawk is-servizzi ta' konsulenza li jikkonformaw mal-Artikolu 20(3).

- 2. L-għan tal-EIP-AGRI għandu jkun li taċċellera l-iżvilupp u l-użu tal-innovazzjonijiet billi ttejjeb l-iskambju tal-għarfien u trawwem sinerġiji bejn il-politiki, l-atturi u l-istrumenti fl-agrikoltura, fil-forestrija u fiż-żoni rurali. Ir-riżultati mill-ħidma tagħha għandhom jixxerrdu u jiġu mmultiplikati permezz tal-AKIS.

L-EIP-AGRI għandha:

- (a) tappoġġa proġetti ta' kooperazzjoni għall-innovazzjoni permezz ta' gruppi operazzjonali bbażati fuq il-“mudell interattiv tal-innovazzjoni” imsemmi fil-paragrafu 4;
- (b) torbot ir-riċerka u l-prattika tal-biedja u tal-forestrija u tinforma lill-komunità xjentifika dwar il-ħtiġijiet ta' dawk il-prattiki;
- (c) tgħaqqad l-atturi u l-proġetti tal-innovazzjoni, b'mod partikolari permezz tan-networks tal-Unjoni u dawk nazzjonali tal-PAK;
- (d) tippromwovi l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi permezz tat-tixrid tal-informazzjoni u tal-għarfien, inklużi skambji bejn il-bdiewa.

- 3. Il-proġetti implimentati mill-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI għandhom ikunu bbażati fuq il-“mudell interattiv tal-innovazzjoni” li jikkonforma mal-prinċipji li ġejjin:

- (a) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa, tas-sidien tal-foresti u tal-atturi rurali;
- (b) it-tlaqqiġ ta' sħab b'għarfien komplementari bħad-dinja akkademika, ir-riċerkaturi u l-komunità tal-biedja, u fejn rilevanti, l-atturi tal-katina alimentari u l-iżguraw tal-involvement attiv tagħhom fi proġetti;
- (c) il-proġetti jinħolqu b'mod konġunt u jiġu deċiżi b'mod konġunt fost l-atturi involuti fil-proġetti u jiġu implimentati b'mod konsultattiv, inkluż billi jiġi żgurati il-potenzjal għall-espansjoni tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ewlenin tal-proġetti msemmija f'dan il-paragrafu jixxerrdu permezz ta' mezzi orjentati lejn il-prattika, inklużi n-networks tal-Unjoni u dawk nazzjonali tal-PAK. L-informazzjoni mxerrda għandha tinkludi l-oġettivi tal-proġetti, is-sħab parteċipanti, l-oqsma tematiċi ewlenin indirizzati, il-pożizzjoni ġeografika tal-proġett, il-baġit totali, u l-eżitu finali tal-proġett, b'enfasi fuq is-soluzzjonijiet innovattivi prattiċi żviluppati.

- 4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-appoġġ jista' jingħata biss abbażi ta' pjan tal-proġett approvat li jkun ibbażat fuq il-prinċipji msemmija fil-paragrafu 3;
- (b) il-grupp operazzjonali li jimplementa l-proġett għandu jinvolvi mill-inqas żewġ atturi differenti u għandu jikkontribwixxi għal oġettiv speċifiku wieħed jew aktar relatati mal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR];

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji oġġettivi u rekwiżiti trasparenti għall-kontenut, id-durata, il-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet tal-proġetti li għandhom jitfasslu mill-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jipprovdu appoġġ skont dan l-Artikolu għall-kondiviżjoni tal-għarfien u għall-innovazzjoni li jinvolvu biss il-korpi tar-riċerka.

Artikolu 20

Sistemi tal-għarfien u tal-innovazzjoni agrikoli u servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-bdiewa u s-sidien tal-foresti jkollhom aċċess għall-innovazzjoni u li jaslilhom għarfien ġdid f'waqt u b'mod effettiv, li jippermettilhom jużaw soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli b'mod effettiv u jibbenefikaw minn għarfien aġġornat fis-settur agrikolu.
2. Biex jissodisfa r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi fil-Pjan SNR kif l-innovazzjonijiet u l-għarfien aġġornat jaslu għand il-bdiewa, b'mod partikolari permezz tas-Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (l-AKIS, Agricultural Knowledge and Innovation System). L-AKIS għandha tinkludi:
 - (a) arranġamenti biex jiġu żgurati flussi tal-għarfien u sinerġiji effettivi bejn il-konsulenti, ir-riċerkaturi, il-prattikanti, in-networks nazzjonali tal-PAK u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;
 - (b) azzjonijiet biex jittejjeb l-aċċess għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti għal pariri imparzjali u kwalifikati;
 - (c) appoġġ għall-innovazzjoni bħala parti mis-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli, b'mod partikolari appoġġ għall-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19 inkluż għall-użu tal-“mudell interattiv tal-innovazzjoni” msemmi fl-Artikolu 19(4);
 - (d) pjan biex jittejjbu t-tixrid u d-dimostrazzjoni tal-eżiti tar-riċerka u ta' soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli għall-bdiewa, għas-sidien tal-foresti u għal utenti finali oħra fuq skala kbira;
 - (e) interventi stabbiliti fil-Pjan SNR li jappoġġaw l-operazzjoni tal-AKIS, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 19, u l-komplementarjetà u l-koerenza tagħhom ma' inizjattivi nazzjonali rilevanti u miżuri rilevanti oħra stabbiliti fil-Pjan SNR;
 - (f) sistema għall-provvista ta' servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli, stabbilita f'konformità mal-paragrafu 3.
3. Bħala parti mill-AKIS, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjanijiet SNR u jimplimentaw sistema għall-provvista ta' servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli li għandhom jiġu stabbiliti biex jappoġġaw l-aċċess għall-għarfien u l-użu usa' tal-innovazzjonijiet. Is-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru l-elementi kollha li ġejjin:
 - (a) pariri lill-bdiewa u lis-sidien tal-foresti dwar il-ġestjoni sostenibbli u reżiljenti tal-art, tal-azjendi agrikoli u tal-foresti mfassla għat-tipi ta' azjendi agrikoli u għas-sistemi ta' produzzjoni differenti, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti għall-appoġġ stabbiliti fil-Pjanijiet SNR, inklużi l-intendenza tal-azjendi agrikoli, l-

istabbiliment u t-trasferimenti ta' azjendi u l-bidu ta' negozji rurali; il-ġestjoni tan-negozju, l-aċċess għall-appoġġ soċjali, is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' saħħa mentali u d-disponibbiltà tas-servizzi rilevanti; u l-użu ta' innovazzjonijiet, soluzzjonijiet xprunati mid-data u għodod diġitali;

(b) pariri mmirati għall-bdiewa żgħażaġh, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tan-negozju, l-aċċess għall-finanzi, l-aċċess għall-appoġġ pubbliku, u l-aċċess għall-għarfien u għall-innovazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bdiewa u s-sidien tal-foresti jkollhom aċċess dirett għall-konsulenti, pereżempju billi jipprovdu bażijiet tad-data pubbliċi ta' konsulenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pariri mogħtija lill-bdiewa u l-sidien tal-foresti jkunu imparzjali, u li l-konsulenti jkunu kwalifikati kif xieraq u mingħajr kunflitt ta' interess.

Artikolu 21

Awtorità inkarigata mill-governanza tad-data skont il-PAK

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-PAK. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità li s-sistemi ta' informazzjoni jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu data permezz tal-komunikazzjoni elettronika.

2. L-awtorità maħtura għandu jkollha b'mod partikolari l-kompiti li ġejjin:

(a) it-tfassil u l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' Pjan Direzzjonali fil-livell tal-Istat Membru biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà (minn hawn 'il quddiem il-"Pjan Direzzjonali") u s-segwitu tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali;

(b) il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni jew, kif deċiż mill-Istat Membru, l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità sa mhux aktar tard minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: fi żmien 3 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Il-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkopri:

(a) l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 1, u t-tfassil ta' miżuri li jindirizzawhom, kif ukoll l-iskeda ta' żmien bl-istadji importanti u l-miri għall-implimentazzjoni tagħhom;

(b) l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' inizjattivi oħra tal-interoperabbiltà tal-Unjoni u nazzjonali.

Sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet u t-tfassil tal-miżuri fuq il-prinċipju li d-data tinġabar darba biss u terġa' tintuża.

Għall-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-Istat Membru għandu jqis b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas uniku għall-identità diġitali u

għandu jqis l-allinjament mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, inkluż fir-rigward tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi.

4. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sas-16 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja, rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali, li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tal-passi u l-miżuri u l-iskeda ta' żmien stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali.

Meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni emendi tal-Pjanijiet Direzzjonali flimkien mar-rapporti annwali.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-ewwel rapport annwali lill-Kummissjoni sas-16 ta' Diċembru 2029.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli meta l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 2 tkun teħtieġ dan, kif ukoll regoli dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b).
6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:
 - (a) il-forma u l-kontenut tal-Pjan Direzzjonali u tar-rapport annwali;
 - (b) l-arranġamenti għat-trażmissjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni tal-Pjanijiet Direzzjonali u tar-rapporti annwali.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmi fil-Artikolu 24.

Artikolu 22

Miżuri biex jissolvew problemi speċifiċi

1. Sabiex jissolvew problemi speċifiċi, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkun kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'emerġenza. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament iżda sal-punt u għal dak il-perjodu strettament meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmi fil-Artikolu 24(2).
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza u debitament ġustifikati, u sabiex jissolvew problemi speċifiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1 filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-interventi tal-PAK stabbiliti fil-Pjan SNR fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmi fil-Artikolu 24(3).
3. Il-miżuri adottati skont il-paragrafi 1 jew 2 għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar. Jekk wara dan il-perjodu l-problemi speċifiċi msemmi fil-paragrafi jippersistu, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva xierqa biex tistabbilixxi soluzzjoni permanenti.
4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafu 1 jew 2 fi żmien jumejn ta' xogħol mill-adozzjoni tagħha.

Artikolu 23
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 21(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 7 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 21(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 21(6) għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 24
Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat imsejjaħ "Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni". Il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011²⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għandu jkollu l-kompitu li joħroġ opinjonijiet dwar kwalunkwe att ta' implimentazzjoni adottat skont dan ir-Regolament.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) [...] li jstabbilixxi l-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali għall-perjodu mill-2028 sal-2034].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President